MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 633/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonnici**
**Spettur Paul Vassallo**

**v**

**ELTON GEORGE SPITERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ELTON GEORGE SPITERI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin George u Doris nee Desira, imwieled Hal Qormi nhar l-hamsa ta' Ottubru 1978 u joqghod 'Harmony', Triq x-Xitwa, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 534078M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sbatax ta' April 2000, u fix-xhud ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghall-haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubbliku, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' *number plates* foloz fuq vettura *scrap* tal-ghamla Isuzu;

2. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' *number plates* foloz [LVY 155] fuq vettura ohra tal-ghamla Isuzu (scrap);

3. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel ic-*chassis number* tal-vettura tal-ghamla Isuzu (scrap);

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu bin-numru divers minn dik li jkun gie moghti lilu mill-Pulizija jew mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku u cioe bin-numru [LVY 155];

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, bhala persuna li accetta li jixtri jew ibiegh skrapjat jew b'xi mod iehor iddispona mill-vettura numru LVY 155 naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lil Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-imsemmija vettura.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti kif jigi stabbilit mal-Qorti taht penali ta' amenda ta' mhux aktar minn zewg liri maltin kuljum, fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 321 tal-Kap 10 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Settembru 2000 esibit a fol 14 tal-atti odjerni markat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sarlu l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 8].

Semghet il-provi kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Jannar 2006.

Ikkunsidrat;

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed l-allura Spettur Mario Buttigieg** [fol 9] fejn qal li fil-hmistax ta' April 2000 certu Patrick Attard li joqghod 'Skorfield', Triq Carlo Demajo, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 343480M kien ghamillu rapport li madwar sentejn jew tlieta qabel kien biegh vann tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 lil persuna maghrufa bhala George il-Brillu u li sa dakinhar t-*transfer* kien ghadu ma sarx. Zied jghid li kien qallu wkoll li dak iz-zmien certu Elton George Spiteri kien qed jaghmel uzu minn vann tal-istess ghamla li kien gie skrappjat pero bl-istess *registration number* LVY 155 tal-vann li originarjament kien biegh dan Patrick Attard.

Ix-xhud kompla jghid li mbaghad ghadda biex jiehu stqarrija tieghu. Qal li Patrick Attard kien qallu li f'xi 1997 huwa kellu fil-pussess tieghu il-vzann abjad bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 pero peress li kien habat bih, kien hadu ghand t-tellar fejn kien gie ccekkjat u peress li kellu hafna hsarat, kellu jigi rrangat mill-gdid. Wara kien ghaddieh ghat-test necessarju mal-awtorita tat-trasport pubbliku fejn instab li kien tajjeb gat-triq. Wara dan kollu ddecida li jbieghu lil certu George Vella li joqghod Triq il-Qalbiena, l-Mosta.

Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement hu kien baghat ghal George Vella li kkonfermalu li dan kien ghamel xi

zmien fil-pussess tieghu, kien irrizultalu li x-xoghol fuqu kien ta' diffikulta w ghalhekk kien waqaf minn dan ix-xoghol u bieghu lil certu Anthony Magro.

Kompla jghid li sussegwentement hu kien baghat ghal imputat w ivverifika li l-vann in kwistjoni kien fil-pussess tieghu u wara li tah is-solita twissija, dan irrilaxxja stqarrija fejn fiha qal li hu kien xtara dan il-vann tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 fis-sena 1998 minghand certu Raymond li joqghod Hal Qormi ghal prezz ta' sitt elef u tmien mitt lira u wara ftit xhur waqt li kien qed jahsel l-istess vann, induna li c-*chassis number* u *l-engine number* ma kienux jaqblu mal-*log book* w ghalhekk qabad u hassar kemm c-*chassis number* u l-*engine number* minn fuq il-vettura.  Qal li fil-frattemp dan lahaq xtara vann minghand Raymond Scerri ghas-somma ta' erbgha mitt lira maltin w ghamel tpartit b'vettura ohra.

Ix-xhud l-allura Spettur Mario Buttigieg zied jghid li zamm tfittxija fil-garaxx tal-imputat fejn instabet *metal plate* bl-*engine number* li kienet misjuba fuq il-*white table* li gew mehuda Ta Kandia fejn gew fotografati minn PS 1182 Raymond Cassar tal-forensika.

Kompla jghid li hu kompla bl-investigazzjoni fejn kien baghat ghal Raymond Scerri li kien qallu li hu kien fil-pussess ta' vann u li kien bieghu lil imputat pero qallu wkoll li ma kien jaf xejn dwar dawn l-affarijiet dwar bdil tas-*chassis number*.  Ix-xhud qal li kellem wkoll lil Anthony Magro fejn basikament qal l-istess affarijiet li kien qallu Raymond Scerri.

Zied jghid li meta kompla jitkellem mal-imputat, dan kien ammetta peress li ma kellux licenzja biex izomm *garage hire* w offra lil Anthony Magro jzomm l-*licencee* halli l-*licencee* ikun hu, biss meta staqsih ghaliex t-*transfer* ma kienx sar l-imputat qallu li kien hemm xi tahwid fil-magna u fl-*engine number*.

Ix-xhud kompla jghid li meta rega' tkellem ma Anthony Magro dan kien baqa jinsisti li dak kien jaf b'din informazzjoni kollha relevanti ghad-domandi li kien

jghamillu, peress li kien jaf fejn kien gie rrangat l-istess vann.

Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument CSH 4 [fol 21].

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed l-Ispettur Paul Vassallo** [fol 24] fejn qal li nhar s-sbatax ta' April 2000 hu kien mar Ta' Kandia sabiex jassisti lil allura Spettur Mario Buttigieg li kien ikkonsultah dwar zewg vannijiet tal-ghamla Isuzu, waqt spezzjoni fil-presenza tal-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li wiehed minnhom kellu l-pjanca LVY 155 u kellu *chassis number* imhassar kif wkoll kellu l-*engine number* imnehhi wkoll. Qal li dak l-hin hu staqsa lil imputat kif kien gara dan u dan rrispondih li kien xtara z-zewg vannijiet in kwistjoni u cioe t-tnejn tal-ghamla Isuzu u waqt li kien qed jiccekkjhom minhabba l-VRT, ra li n-numru li kien hemm fuq il-vann bil-pjanci LVY 155 ma kienux jaqblu mac-*chassis* u *engine number* li kien hemm fuq l-*log book*. Qal li hu kien informa lil allura Spettur Mario Buttigieg b'dan u l-investigazzjoni tkompliet minn dan tal-ahhar. Zied jghid li meta marru lura fl-istorja ta' dawn iz-zewg vannijiet, irrizultalu li dawn l-vannijiet xi zmien kienu proprjeta tal-gvern u cioe tad-Data Centre li jinsab f'Had Dingli u kienu gew mnehhija permezz ta' rkant u wahda minn dawn il-vetturi kienet giet dikjarata *scrap* u li wahda minnhom kienet biss licenzjata, l-ohra kienet giet skrappjata u mibjugha sabiex tigi mobilizzata ghal *parts* taghha.

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed PC 959 Winston Micallef** [fol 26] fejn, wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dokument CSH 4, ikkonferma l-firma tieghu fuq, dik tal-imputat li gharaf presenti fl-awla kif wkoll tal-allura Spettur Mario Buttigieg. Ix-xhud qal li din l-istqarrija kienet giet rilaxxjata, wara li l-allura Spettur Mario Buttigieg kien ta s-solita twissija lil imputat.

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed Patrick Attard** [fol 28] fejn qal li l-vann Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 xi tlett snin qabel kien proprjeta tieghu u li kellu xufier idur bih, certu Eman bin George Vella li kien anke jaghmel

xi xoghol ghalih. Qal li sussegwentement hu kien biegh dan il-vann lil missier Eman, u cioe lil George Vella. Qal li George Vella kien talbu sabiex l-licenzja tal-vettura tibqa fuq ismu sakemm l-applikazzjoni ghal hrug ta' permess li huwa kellu sabiex izomm garaxx tigi approvata u b'hekk wara jkun f'posizzjoni li jista jaqleb l-vettura fuq l-imsemmi garaxx. Qal li hu kien accetta din il-kundizzjoni u cioe li l-vann jinsaq jew minn George Vella jew minn ibnu biss. Zied jghid li wara xi zmien, George Vella kien qallu li l-vann x'aktarx kien ser ibieghu peress li ibnu Eman kien iddejjaq u hu kien qallu li setgha jbieghu basta isir t-*transfer* relattiv. Qal li n-negozju sar bejn George Vella u certu Toni mill-Hamrun u George Vella kien talbu sabiex izomm t-*transfer* tal-vann fuq ismu ghal xi zmien iehor sakemm Toni jhallas lil George Vella tal-vann, pero, x-xhud kompla jghid, li accetta bil-kundizzjoni li appena jithallas George Vella, isir t-*transfer*. Ix-xhud kompla jghid li sa fejn kien jaf hu, fil-frattemp, dan il-vann spicca ghand Toni u xi zmien wara hu kien talab lil Toni sabiex t-*transfer* tal-vann minn fuqu ghal fuq Toni u sahansitra anke lil George Vella kien kellem.

Zied jghid li wara sar jaf li l-vann rega' gie negozjat lil zewg persuni ohra u sussegwentement kien hemm zewg persuni ohra li dahlu fin-negozju w ghalhekk l-vann ma baqax f'idejn Toni. Qal li l-vann kien inbiegh u wara kien cempillu Raymond Scerri li kien ghamel n-negozju ma Toni u kien talbu biex imur ghand nutar f'Tas Sliema u meta mar sab li l-vann kien inbiegh lil imputat, li gharaf presenti fl-awla. Qal li sa dakinhar hu ma kienx jaf lil imputat odjern. Zied jghid li t-*transfer* dakinhar ma kienx sar u l-imputat kien talbu sabiex izomm l-licenzja tal-vann fuq ismu sakemm jottjeni permess ghal garaxx tieghu ghax-xoghol u ghalhekk ikun f'posizzjoni ahjar li jdawwru. Ix-xhud zied jghid li hu kien qal lil imputat, li appena jsib fuq min jdawwar t-*transfer*, kellu jinfurmah sabiex il-vann ma jibqax fuq ismu. Qal li dan d-diskors sar quddiem in-nutar.

Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement, hu kien ircieva telefonata anonima li l-vann LVY 155 kien qed jigri fit-triq u li ma kienx l-istess vann li kien fil-pussess tieghu w

ghalhekk informa lil George Vella. Qal li kien staqsih jekk kienx biddel l-vann li kien bieghlu originarjament, u George Vella kkonfermalu li huwa kien biegh l-istess vann li hu kien bieghlu.

Qal li wara hu kien cempel lil imputat u talbu sabiex imur il-garaxx tieghu u meta mar staqsih x'kien gara minhabba dak li kien qallu haddiehor u l-imputat ikkonfermalu li l-vann ma kienx l-istess wiehed li hu kellu fil-pussess tieghu originarjament.

Zied jghid li fil-frattemp, hu sar jaf li l-imputat kien xtara vann iehor skrappjat u hu qallu li ried il-vann proprju li kellu ghaliex ma kienx ser jaccetta li hu jahdem b'vann registrat f'ismu meta me kienx l-istess vettura. Qal li l-imputat kien qallu li l-vann kien qed iduru, imbaghad li kien ghand l-mekanik, imbaghad li kien ghand l-*electrician*, u dejjem jittratjeni. Ix-xhud kompla jghid li hu fl-ahhar iddejjaq u qal lil imputat u li jekk mhux ser johrog il-vann li hu originarjament kellu fi zmien gimgha, kien ser imur ghand l-Pulizija u jirrapporta dan il-fatt. Qal li l-vann baqa ma harigx, u ghalhekk mexxa bil-proceduri li kellu jaghmel. Qal li wara sar jaf li l-imputat kien ipprova jippancjalu c-*chassis number* sabiex jaqleb dan u hu kien avvertih biex ma jaghmilx hekk sakemm l-vann kien ghadu f'ismu. Naturalment, l-imputat ma riedx jisma, w ghalhekk mar ghand il-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma li hu biegh vann wiehed biss.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2005 **rega' xehed Patrick Attard** [fol 120] fejn, meta gie mistoqsi jekk kellux *mini bus*, irrisponda fl-affermattiv. Qal li din kien bieghha lil certu George Vella mill-Mosta. Qal li t-tifel tieghu Eman kien jahdimlu biha. Qal li kien talbu biex, sakemm johroglu l-permess mill-Awtorita tat-Trasport, izommlu l-vann registrat fuq ismu. Qal li sussegwentement George Vella kien biegh l-istess vann lil certu Toni mill-Hamrun u dan tal-ahhar kien biegh l-istess vann lil persuna ohra minghajr l-kunsens jew permess tieghu. Qal li wara kien

gie nfurmat li dan l-istess vann kien ser jerga jinbiegh lil imputat li kien presenti waqt l-kuntratt.

Qal li l-imputat kien talbu, billi kien applika ghal permess, biex izommlu l-istess vann ghal sitt xhur fuq ismu sakemm jigi approvat l-permess in kwistjoni.  Qal li kif appena l-imputat kellu jkollu l-permess f'idejh, kellhom idawru l-vann mill-aktar fiss possibbli.  Qal li fil-fatt ta kopja tal-*insurance* lil imputat li l-vann ma jsuqu hadd hliefu.  Qal li peress li ghadda ftit taz-zmien u l-imputat ma kellmux, hu ghamel kuntatt mieghu sabiex isir t-trasferiment necessarju tal-vann, pero l-imputat dejjem kien igiblu skuza wahda wara l-ohra u fl-ahhar qallu li l-vann kien qed iduru u li ma kienx qed juzah ghax-xoghol.  Qal li ghadda aktar zmien u hu kien icempillu xi darbtejn kuljum u nel frattemp ircieva zewg citazzjonjijiet, wahda fuq *overloading* u ohra fuq licenzja mhux rinovata u meta rega' pprova jaghmel kuntatt mal-imputat, m'irnexxilux.

Zied jghid li sussegwentement kien ircieva telefonata anonima li l-vann kien qed jintuza fit-triq li fisser li l-pjanci tal-vettura li hu kien biegh kienu qed jigru fit-triq fuq vettura ohra minghajr l-konoxxenza tieghu.  Qal li hu kien kellem lil missier l-imputat sabiex dan jaghmel kuntatt mieghu pero l-imputat baqa m'ghamilx tali kuntatt.  Qal li wara xi zmien kien rega' cempel lil imputat li qallu li meta l-vann kien lest, peress li kien qal li kien qed iduru, hu kien ser jaghmel t-*transfer* relattiv.

Ix-xhud qal li hu ma kienx lest li jippermetti li dawn l-affarijiet ikomplu jsiru bil-vann registrat fuq ismu w ghalhekk mar ikellem Surgent l-Ghassa tal-Mosta li rreferih ghand l-allura Spettur Mario Buttigieg.  Qal li hu kien kellem lil dan tal-ahhar biex jinbdew l-proceduri necessarji.  Qal li sussegwentement l-Pulizija kienu nvestigaw l-kaz w iz-zewg vetturi gew konfiskati.  Qal li ma min innegozja l-imputat, hu ma kienx jaf, ghaliex fil-bejgh tal-vann kien hemm zewg persuni ohra nvoluti.  Qal li hu sar jaf dan meta ghamel l-kuntratt mal-imputat.

Mistoqsi jekk l-imputat kellux garaxx jew le, ix-xhud qal li ma kienx jaf pero l-imputat kien qallu li kellu.  Mistoqsi

jekk l-imputat kellux licenzja tas-sewqan tal-vann, ix-xhud wiegeb skond ma qallu l-imputat, kellu. Qal li hu sar jaf li l-vann in kwistjoni inbiegh, dakinhar li kien qed jixhed. Qal li Toni tal-Hamrun kien qallu li l-vann kien bieghu lil imputat, pero minn verament bieghu lil imputat, hu ma kienx jaf. Mistoqsi ta' min kien l-vann l-iehor, ix-xhud wiegeb li ma kien jaf. Ix-xhud qal li l-pjanci li hu kien qala kienu tal-vann tieghu li kien jghajjat lilu u li dawn kien qalahom minn fuq vann iehor li suppost kien skrappjat. Qal li l-vann kien sabu Hal Qormi f'garaxx tal-imputat odjern. Qal li l-imputat kien qallu li ma kellux biex jahdem u ried jahdem w ghalhekk ha l-pjanci tieghu u poggihom fuq dan il-vann. Mistoqsi kemm il-vann ra meta mar Hal Qormi fil-garaxx tal-imputat, ix-xhud qal li kien hemm wiehed fil-garaxx.

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed George Vella** [fol 32] fejn ikkonferma li hu kien xtara vann Isuzu abjad minghand Patrick Attard liema vann kien isuqu ibnu Eman. Qal li n-numru ta' registrazzjoni tieghu kien LVY 155. Qal li dan il-vann baqa registrat f'isem Patrick Attard w it-tifel tieghu ghamel zmien idur bih. Qal li sussegwentement hu biegh dan il-vann lil Anthony Magro u dan wara li kien informa lil Patrick Attard peress li l-vann kien registrat f'isem dan tal-ahhar. Qal li hu kien biegh dan l-vann Isuzu LVY 155 lil Anthony Magro liema vann kien xtara minghand Patrick Attard u Isuzu iehor skrapjjat tal-istess tip bhal dak li kien xtara minghand Patrick Attard. Qal li l-vettura kienet skrappjata u l-ufficju tal-licenzji kienu jafu li din il-vettura kienet skrappjata. Qal li t-tieni vann kien xtrah skrappjat.

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2001 **xehed Anthony Magro** [fol 34] fejn qal li hu ma xtara ebda vann tal-ghamla Isuzu minghand George Vella. Qal li meta kellu fil-pussess tieghu vann Isuzu, l-flus tat-*transfer* tieghu kien hadhom George Vella u li hu la hareg u lanqas qala flus. Qal li dan il-vann gie fil-pussess tieghu pero fin-negozju hu ma kellu x'jaqsam xejn. Qal li kien mar ragel fuqu, certu Raymond, u qallu li ried jixtri dan il-vann biex johrog permess fuqu biex ikun jistra jgorr t-turisti w ghaklhekk jaf li dan Raymond kien xtara l-vann minghand George Vella. Qal li

hu, minghand George Vella, zewg vannijiet xtara fis-sens li kellu fil-pussess tieghu w iehor xtrah l-imputat, li kellu permess ta' *mini bus*. Qal li l-*panel beater* jinsab fit-telgha tas-Saqqajja, r-Rabat. Qal li l-vann Isuzu LVY 155 li xtara l-imputat dak iz-zmien kien ghand l-*panel beater*. Il-pjanci kienu fuq il-vann l-iehor u cioe fuq il-vann li xtara Raymond li llum jinsab Ta' Kandia. Il-vettura l-ohra xtraha Raymond ghal *scrap* u huwa proprju Raymond li xtara l-permess biex igorr t-turisti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2001 **xehed PS 1182 Raymond Cassar** [fol 48] fejn esibixxa hdax il-ritratt li hu gibed fuq struzzjonijiet tal-allura Spettur Mario Buttigieg li gw mmarkati bhala dokument MB sa MB 11 [fol 50].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2001 **xehed PS 565 Raymond Bonnici** [fol 51] fejn qal li waqt li kien qed jezamina vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 li huwa *mini bus fourteen seater*, li bhala procedura huma dejjem ifittxu c-*chassis number*, dan ic-*chassis number* m'instabx u lanqas m'instabet l-pjanca. Sab li kien hemm qtugh f'din l-istess vettura fuq xi xogholjiet u minhabba dan in-nuqqas, ghamel rapport. Ix-xhud esibixxa dokument li jindika l-ezami li sar fuq il-vettura in kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument MB 12 [fol 53].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2001 **xehed Raymond Scerri** [fol 54] fejn wara li gie nfurmat li kellu dritt li ma jwiegebx ghal ebda domanda li tista tinkriminah, huwa ghazel li jaghti x-xhieda tieghu. Raymond Scerri qal li xi zmien hu kellu vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 fil-pussess tieghu, liema vettura hu kien xtara minghand certu Anthony Magro u li kienet damet ghandu xi erbat ijiem peress li kien bieghha lil imputat odjern, li gharaf presenti fl-awla. Zied jghid li f'hajjtu hu kellu vettura wahda tal-ghamla Isuzu b'dak in-numru ta' registrazzjoni ghalkemm vetturi ohra ta' dik l-ghamla kellu pero Anthony Magro kien bieghlu dik il-vettura biss u ma bieghlux vettura ohra tal-ghamla Isuzu u lanqas ma tah vettura ta' dik l-ghamla. Qal li fil-fatt kien

ghamel tpartit mieghu billi tah Fiat Regata. Wara xi sena w nofs li kien biegh din l-istess vettura tal-ghamla Isuzu lil imputat, l-imputat kien mar fuqu u qallu li c-*chassis number* ma kienx jaqbel u qallu li hu kien xtraha minghand Anthony Magro u li kien lest li jaghtih l-flus lura u hu jirritorna l-vettura.

Zied jghid li fil-frattemp, l-vettura l-imputat ma hadhiex ghaliex marru l-Pulizija u haduha u hu tah l-flus lura. Qal li hu kien tkellem ma Anthony Magro u ma George Vella li kien is-sensar fis-sens li hu kien heggu biex jixtri din il-vettura minghand Anthony Magro u fil-fatt dan tal-ahhar kien cahad li hu kien xtara vettura minghandu. Mistoqsi mill-Qorti x'qal George Vella, ix-xhud irrisponda li George Vella kien ikkonferma w ammetta li kien hu li fil-fatt kien biegh din il-vettura lil Anthony Magro.

Qal li Anthony Magro jahdem fix-xoghol bhalu, fil-*mini bus* u mhux l-ewwel darba li fil-fatt kien rah b'dak l-*mini van* qabel ma xtrah minghandu. Ftakar wkoll li din il-vettura LVY 155 kienet wkoll f'idejn George Vella, ghalkemm mhux fl-istess kundizzjoni. Qal li fil-fehma tieghu din il-vettura kienet spiccat f'idejn Anthony Magro u dan kien darha, peress li kellha kundizzjoni ahjar. Qal li kien qed jahdem bhala *car dealer* meta kien staqsa lil George Vella biex isiblu mini vann biex jaghmel xoghol bih. Fil-fatt George Vella kien qallu li kien biegh vettura lil Anthony Magro u li kien ser jistaqsih biex jara jekk riedtx ibieghha lilu. Ix-xhud qal li fl-ebda hin ma l-imputat semmielu l-kwsitjoni ta' *grinding* u l-*engine number*.

Illi nhar t-tnejn ta' Lulju 2002 **rega' xehed Raymond Scerri** [fol 69] fejn qal li f'xi zmien hu kien xtara *mini bus* LVY 155 minghand Anthony Magro u dan wara li kien partat mieghu karozza ohra tieghu *mini bus*. Ix-xhud kompla jghid li wara xi erbat ijiem kien biegh din il-*mini bus* li kien xtara minghand Anthony Magro lil imputat li gharaf presenti fl-awla u wara xi zmien l-imputat kien qed jirranga xi affarijiet biex idawwar l-istess vann minn fuqu ghal fuqu u sab li ma kien jaqbel xejn, lanqas n-numru tal-magna. Qal li dak z-zmien l-vettura lanqas ma kienet fuq Anthony Magro izda fuq Patrick Attard u meta hu kien

xtara l-*mini bus* minghand Anthony Magro, kienu ghamlu karta bin-nutar u Patrick Attard kien attenda wkoll. Qal li kienu ghamlu trasferiment quddiem in-Nutar Patrick Critien u kien hu, Anthony Magro, George Vella li kien is-sensar f'din t-transazzjoni u l-imputat. Qal li bdil f'dan l-vann hu m'ghamilx. Qal li kien mar fuqu l-imputat f'xi zmien u minnufih qallu li kellhom xi *trouble*. Qal li hu qallu li lilu kien jaf peress li kien hu li bieghlu l-vann in kwistjoni w ghaklhekk tah il-flus lura. L-imputat kien qallu li l-vann kien gie mizmum u sa fejn jaf hu, l-vann ghadu mizmum.

Ix-xhud zied jghid li sussegwentement hu kien tkellem ma Anthony Magro u dan kien qallu li mhux veru kien bieghlu xi vann. George Vella kien biegh l-vann lil Anthony Magro u kien ghad baqghlu jiehu xi flus. Qal li hu ghadda l-flus lil George Vella quddiem Anthony Magro u dawwar t-*transfer* tal-Fiat Regata li kien tah. Mistoqsi jekk l-imputat qallux xi haga fuq c-*chassis number*, ix-xhud wiegeb li l-imputat kien qallu li Anthony Magro kien ser jirrangalu fuq c-*chassis number* u li ma kien semmihlu xejn dwar x'kien hemm hazin.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 **rega' xehed ghat-tielet darba, Raymond Scerri** [fol 128] fejn rega' kkonferma li hu kien xtara mini vann minghand Anthony Magro li sussegwetnement kien biegh lil imputat odjern. Qal li l-vann lanqas dam hamest ijiem ghandu u li kien bieghu kif xtrah. Qal li wara xi zmien kien kellmu l-imputat ghaliex kellu xi difetti u hu kien qallu li kien lest li jiehu l-vann lura u jaghtih l-flus lura. Qal li hu kien qal lil imputat li hu kien xtara dak l-vann minghand Anthony Magro u li s-sensar tieghu kien certu George Vella u li kien qal lil imputat li wara li jaghtih l-flus lura hu setgha jfittex direttament lil Anthony Magro.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2001 **xehed Brian Farrugia** [fol 58] fejn ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji ghamel ricerka dwar l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LVY 155 tal-ghamla Isuzu Glassvan registrat f'isem Raymond Scerri. Qal li ma kellu ebda informazzjoni dwar fuq min kien registrat dan il-vann f'April 2000.

Illi nhar l-erbgha ta’ April 2002 **rega’ xehed Brian Farrugia** [fol 65] fejn qal li minn ricerka li hu rega’ ghamel rrizulta li l-vann in kwistjoni li hu tal-ghamla Isuzu, jghajjat lil Raymond Scerri ta’ Carol Garage, Triq l-Imdina, Zebbug u dan minn Novembru 2000 ghalkemm l-applikazzjoni ghat-*transfer* ghal fuqu saret fit-tlieta ta’ Awissu 2000 u qabel din d-data kien jghajjat lil certu Anthony Magro detentur tal-karta tal-identita numru 834153M. Qal li c-*chassis number* ta’ din il-vettura huwa 0185136 filwaqt li l-*engine number* huwa 233125. Mistoqsi x’hini l-procedura meta vann tal-gvern jigi skrappjat, ix-xhud wiegeb li d-dipartiment koncernat jinforma lilhom, jaghtuhom il-pjanci, jiccekkjaw l-istess pjanci, u jkun d-dipartiment koncernat stess li jiddisponi mill-vettura w ghalhekk, huma bhala ufficju tal-licenzji, ma jkollhom ebda kontroll fuq il-vettura peress li ix-xoghol taghhom huwa biss fuq pjanci. Jekk il-vettura in kwistjoni tkun giet skrappjata qabel April 1994, din tkun tista terga tigi *revived* pero jekk tkun giet skrappjata wara, ma hemmx possibilita ta’ *revival*.

Illi nhar l-hdax ta’ Novembru 2002 **xehed Anthony Magro** [fol 73] fejn meta gie mistoqsi jekk kienx biegh xi vann lil imputat odjern, ix-xhud wiegeb li hu ma kien biegh ebda vann lil imputat u li kien certu Patrick mill-Mosta li kien biegh vann lil imputat. Ix-xhud qal li pero l-vann in kwistjoni, li kien ta’ Patrick, kien jiehu hsiebu hu u dam fil-pussess tieghu xi sena u kien juzah ghat-tfal tal-iskola. Qal li hu kien jaf li Patrick Attard kien biegh dan il-vann lil certu George Vella. Mistoqsi kif fil-fatt George Vella ha dan il-vann ix-xhud qal li George Vella kien obbliga ruhu li jhallas tant flus fix-xahar lil Patrick Attard. Qal li eventwalment it-*transfer* bejn George Vella u Patrick Attard qatt ma sar. Ix-xhud qal li dan nonostante kien mikri ghandu minghand l-istess Patrick Attard, anzi minghand George Vella. Qal li effettivament George Vella ma kienx xtara l-vann minghand Patrick Attard, kien krih minghandu. Ix-xhud qal li sussegwentement hu kien krih minghand George Vella. Cahad dak li gie suggerit mill-avukat difensur li l-vann l-impuat hadu minghandu. Effettivament l-imputat ha l-vann minghand certu Raymond minn Haz Zebbug u mhux minghandu. Fil-fatt

ghandu garaxx ta’ *self drive* u huwa xtrah minghand Patrick Attard u sussegwentement ghaddieh lill-imputat.

Ix-xhud qal li kien jaf li kien hemm xi vann l-Imgarr *mini bus* proprju ta’ Patrick Attard, li kellu art gdida tal-hadid. Mistoqsi min kien ghamel dan ix-xoghol fuq dan l-vann ix-xhud qal li kien certu Giovann mill-Imgarr u li dan il-vann sussegwetement xtrah l-imputat. Ix-xhud kompla jghid li dan il-vann kien ghand Patrick Attard ghalkemm hu kien qed jiehu hsiebu. Qal li qabel ma xtrah l-imputat dan il-vann, huma kienu ghamlulu l-qiegh tal-hadid fejn joqghodu s-*seats* u dan il-vann kellu kollox f’postu.

Mistosqi kif jaf lil imputat odjern, ix-xhud qal li jafu peress li hu kien xtara *mini bus* minghand Raymond u gie jistaqsih ghalih. Qal li dakinhar hu kien qallu li l-vann li kien xtara minghand Raymond kienu qed jzommuh ghal *spare parts*. Qal li originarjament Raymond kien xtara l-permess minghand terzi sabiex johrog vann gdid u kien juza l-peress li kellu. Qal li sussegwentement l-imputat xtara l-vann minghand Raymond. Il-vann li gie ttowjat mill-Imgarr, kellu permess pero l-vann l-iehor li gie mikri minghand Raymond, ma kellux permess. Qal li hu lil imputat kien qallu li l-permess li kien hemm kien jghajjat lil dak l-vann tal-Imgarr li kellu l-art tal-hadid. Qal li l-imputat dejjem kien ikun l-garaxx hdejh jahsel l-vann u qatt ma qallu li xi haga mhux normali f’dan il-vann u fil-fatt kien l-aktar vann li kien ihobb l-imputat u dan b’referenza ghal vann li xtara l-imputat minghand Raymond. Mistoqsi jekk l-imputat qattx qallu xi kliem fuq *engine number* f’dan il-vann, x-xhud wiegeb li le, l-imputat qatt ma kellmu fuq l-*engine number* tal-vann.

In kontr’ezami x-xhud, mistoqsi jekk l-imputat ghaddielux xi flus fuq il-vann, wiegeb li le pero dwar il-vann l-iehor li hu kien ittowja mill-Imgarr, l-imputat kien ghaddielu xi flus w ghalkemm ma ftakarx kemm, qal li d-dar kellu karti f’dan r-rigward. Qal li pero l-flus li l-imputat tah, ghaddihom lil George Vella. Ix-xhud zied jghid li hu fl-ebda hin ma qal xi diskors lil imputat li kellu jmur jghid lil Pulizija biex

jittimbrawlu xi numri godda fuq il-vann li kien xtara minghand George Vella.

Illi nhar t-tmintax ta’ Novembru 2002 **rega’ xehed Anthony Magro** [fol 86] fejn esibixxa dokumentazzjoni ta’ tlett *invoices* li gew mmarkati bhala dokumenti NP 1, NP 2 u NP 3 li jindikaw li hu kien ircieva pagamenti minghand l-imputat ghal hlas ta’ *seats* tal-*mini bus* u hgieg. Mistoqsi jekk kien jaghmel tiswijiet f’karozzi, ix-xhud wiegeb li dak iz-zmien kien jaghmel. Qal li l-hlasijiet huma ta’ xoghol li ghamel fuq dawn l-vetturi.

Illi nhar l-hdax ta’ Novembru 2002 **xehed n-Nutar Patrick Critien** [fol 79] fejn, mistoqsi jekk l-imputat odjern marx ikellmu flimkien ma Raymond Scerri dwar xi skrittura li ghamlu ghandu dwar bejgh ta’ vettura, qal li jista jkun pero ma kienx cert. Ftakar li kienet saret xi skrittura peress li ra lil Anthony Magro barra l-awla.

Illi nhar t-tmintax ta’ Novembru 2002 **rega’ xehed n-Nutar Patrick Critien** [fol 82] fejn esibixxa vera kopja ta’ skrittura maghmula minnu, li giet mmarkata bhala dokument NP [fol 84]. Qal li meta saret din l-iskrittura, Anthony Magro kien presenti wkoll.

**L-imputat ma xehedtx f’dawn il-proceduri pero kien irrilaxxja stqarrija** li giet mmarkata bhala **dokument CSH** 4 [fol 21]. Minn ezami ta’din l-istqarrija, jirizulta li l-imputat jghid li hu kien xtara vann tal-ghamla Isuzu bin-numru ta’ regstrazzjoni LVY 155 minghand Raymond Scerri ghas-somma ta’ sitt elef u tmien mitt lira maltin f’Novembru 1998. Mistoqsi ghaliex m’ghamilx t-*transfer*, qal li l-vann kien falz .

Meta gie mistoqsi x’ried jghid biha li l-vann kien falz, l-imputat qal li wara sitt xhur li kien xtrah, ried itellgha l-vann ghat-*test* ta’VRT u meta huwa iccekkja c-*chassis number* tal-vann li kien xtara minghand Raymond Scerri, dan ma kienx qabel mal-*log book*.

Spjega li nelfrattemp, kien xtara vann iehor tal-istess ghamla Isuzu minghand certu Toni u hallieh fil-garaxx

tieghu u dan bhala *scrap*, ghal prezz ta' tmien mitt lira maltin, ghalkemm ma tahx il-flus kollha ghaliex kien tah s-somma ta' erbgha mitt lira maltin u karozza.

Huwa jammetti li kien idur b'vann li ma kienx skond r-regolamenti. Qal li fil-fatt, huwa kien qabad u nehha n-numru tac-*chassis* billi qabad w iggrindjah gewwa l-garaxx.

Mistoqsi ghaliex ma kienx irrapport l-kaz lil Pulizija, qal li hu beza' li l-Pulizija johdulu l-vann u fil-fatt ma xtaqx li jsir hekk peress li kien hallas hafna flus ghalih.

Illi ghalhekk minn ezami ta' din l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni preliminari tal-Pulizija, jirrizulta li kien l-imputat stess li a tax kaz in-numru tac-*chassis* tal-vann, u li kien jaf li ma kienx skond r-regolamenti u dan nonostante, baqa jghamel uzu minnu.

Illi l-imputat ma xehdetx f'dawn il-proceduri sabiex jipprova jiggustifka dak li kien qal fl-istqarrija tieghu. Fil-fatt dak li jirrizulta minn din l-istess stqarrija tieghu, gie kolloborat minn diversi xhieda u ma gie michud minn hadd minnhom.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-akkuzi kif moghtija mill-Prosekuzzjoni, jirrizultaw ppruvati b'mod sodisfacenti.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 17 tal-atti markata bhala dokument CSH 2, liema fedina penali hija nadifa, minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*, w ghalhekk il-Qorti mhux ser timponi piena karcerarja.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 u l-artikolu 321 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 26 tal-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994, **tiddikjara li qed issib lil imputat ELTON GEORGE SPITERI <u>hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu</u> u tiddeciedi li**

**tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin.**

**In oltre, tordna lil imputat sabiex jesegwixxi l-ligi fi zmien tlett xhur mill-lum u fin-nuqqas jehel penali ta' erbgha liri maltin kuljum ai termini tal-artikolu 321 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservawha.**

**L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------